MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 547/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu nhar l-ghaxra (10) ta’ Gunju, tas-sena elfejn (2000), u minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda ulied.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin permezz ta’ kuntratt redatt min-Nutar Dr. Marilena Cristina sa minn nhar it-tlettax (13) ta’ Lulju, tas-sena elfejn u hamsa, kopja ta’ liema kuntratt qieghda tigi hawn annessa u mmarkata, Dok. A.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra l-fatt illi l-partijiet ilhom separati sa mill-elfejn u hamsa (2005), huma ormai ghandhom hajja totalment separata minn xuxlin.

Illi ma hemm l-ebda manteniment x’jithallas versu l-intimata, u dan kif maqbul skond il-kuntratt ta’ separazzjoni taghhom.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaaw il-kundizzjonijiet kollha rikjesti ghall-ksib tad-divorzju ai termini tal-artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet u sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimata, li in forza taghha ippremetta :

1. Illi, l-intimata taqbel mat-talbiet tar-rikorrent u li l-istess intimata kkonfermat bil-gurament fl-affidavit taghha (Dok ‘JB’), u cioe’ li dina il-Qorti tippronunjza d-divorzju bejn il-partijiet u dana ai termini ta’ artikoli 66 B u 66 C tal-Kap. 16, Ligijiet ta’ Malta’
2. Illi, l-unika eccezzjoni li l-intimata ghandha x’tissoleva hija illi hija m’ghandhiex tbati l-ispejjez tar-rikorrent ta’ dawn l-odjerni proceduri;
3. Illi, ghar-ragunijiet suesposti l-intimata tirrimetti ruhha ghas-savju gudizzju ta’ dina il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta’ Novembru, 2013;

Rat l-affidavit bix-xhieda tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta’ Lulju 2005 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------